MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Numru 221/2007

**Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**John Tanti**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat John Tanti ta' 39 sena, iben Alfred u Teresa nee' Cutajar, imwieled Sliema fit-02 ta' Settembru 1968 u residenti f' no 6, Alftess, Triq Fernand Grech, Lija/Moro Flat no 3, Triq Sant Antnin, St. Paul's Bay u detentur tal-karta tal-identita' numru 378768(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer, nhar il-31 ta’ Jannar 2007 f’ San Pawl il-Bahar f’ xi hin bejn is-sitta ta’ filghodu u s-seba’ ta’ filghodu kkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ martu Nicolette Tanti skond ma ccertifika Dr. M. Attard MD ta’ l-isptar San Luqa.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta’ April 2007 (esebit *a folio 19* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-27 ta’ Settembru 2007 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat li fil-31 ta’ Jannar 2007 ghall-habta tas-6.00am gewwa r-residenza tieghu f’San Pawl il-Bahar ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ martu Nicholette Tanti. F’dawn il-proceduri gie esebit certifikat mediku (inserit a fol. 2 tal-process) minn fejn jirrizulta li l-imsemmija vittma kellha frattura f’imnehirha. Dan ic-certifikat gie debitament ikkonfermat mit-tabib li rrilaxxjah u l-griehi gew klassifikati bhala gravi. Id-Difiza mhux qed tikkontesta li kien hemm dawn il-griehi izda qed issostni li l-imputat kien qed jiddefendi lilu nnifsu meta kkaguna dawn il-griehi.

L-allegata vittma Nicholette Tanti meta dehret fl-udjenza tas-27 ta’ Settembru 2007 ghazlet li ma tixhidx fil-konfronti tal-imputat li huwa zewgha u ghalhekk il-Qorti ghandha quddiemha biss verzjoni wahda tal-fatti, u cioe’ dik moghtija mill-imputat. Dan tal-ahhar kemm meta rrilaxxja stqarrija a tempo vergine (stqarrija inserita a fol. 3 tal-process) kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti fl-udjenza tad-19 ta’ Gunju 2009 spjega li fil-gurnata in

kwstjoni hu u martu kellhom xi jghidu u martu attakkatu u gidmitu f'kuxtejh u bdiet tigbidlu rasu lejha u meta huwa prova ibaxxi rasu spicca sabiex laqtilha imnehirha b'rasu. Huwa sostna li dan sar b'mod accidentali u waqt li huwa kien qed jipprova jiddefendi lilu nnifsu. Ma ngabet ebda prova mill-Prosekuzzjoni li tindika l-kuntrarju, u cioe' li l-imputat b'mod volontarju kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu.

Il-Qorti jidrilha ghalhekk li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi stante li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa laqat lil martu accidentalment waqt li kien qed jagixxi in legittima difesa.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------